

# IL-PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

PROVVIŻORJU  
2005/0102(COD)

10.11.2005

**\*\*\*I**

## **ABBOZZ TAR-RAPPORT**

dwar il-proposta għad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni komunitarja għall-promozzjoni ta' l-avveniment "Il-Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea" għas-snin 2007 sa 2019 (KOM(2005)0209 – C6-0157/2005 – 2005/0102(COD))

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

*Rapporteur:* Christa Prets

### ***Spjegazzjoni tas-simboli użati***

- \* Proċedura tal-Konsultazzjoni  
*Maġġoranza ta' l-opinjoni mogħtija*
- \*\*I Proċedura tal-kooperazzjoni (l-ewwel qari)  
*Maġġoranza ta' l-opinjoni mogħtija*
- \*\*II Proċedura tal-kooperazzjoni (it-tieni qari)  
*Maġġoranza ta' l-opinjoni mogħtija dwar l-approvazzjoni tal-pożizzjoni komuni*  
*Maġġoranza assoluta tal-membri dwar id-diżapprovazzjoni jew l-emenda tal-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' l-Approvazzjoni  
*Maġġoranza assoluta tal-membri barra fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat EG u l-Artikolu 7 tat-Trattat EU*
- \*\*\*I Proċedura tad-Deċiżjoni meħuda flimkien (l-ewwel qari)  
*Maġġoranza ta' l-opinjoni mogħtija*
- \*\*\*II Proċedura tad-Deciżjoni mehuda flimkien (it-tieni qari)  
*Maġġoranza ta' l-opinjoni mogħtija dwar l-approvazzjoni tal-pożizzjoni komuni*  
*Maġġoranza assoluta tal-membri dwar id-diżapprovazzjoni jew l-emenda tal-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura tad-Deciżjoni mehuda flimkien (it-tielet qari)  
*Maġġoranza ta' l-opinjoni mogħtija dwar l-approvazzjoni ta' l-abbozz komuni*

(L-ispeċifikar tal-proċedura hija bbażata fuq il-prinċipji tal-liġi proposti mill-Kummissjoni.)

### ***Talbiet għal Emendi għal Testi Leġiżlattivi***

L-emendi mwettqa mill-Parlament sejrini ikunu emfasizzati b'tipi skuri u korsivi. Meta partijiet minn test ikunu miktubin idjaq u b'tipi korsivi, dan ikun ħjiel għall-uffiċċju tekniku rilevanti għal partijiet bħal dawn tat-test leġiżlattivi li tiġi rakkomandata korrezzjoni fihom għall-iskop tal-kitba tat-test finali (per eżempju, partijiet minn test li fil-verżjoni ta' lingwa partikolari jkun fiha l-iżbalji b' mod evidenti, jew li kompletament tkun nieqsa.) Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għal korrezzjoni jeħtieġu l-approvazzjoni tal-uffiċċju tekniku kkonċernat.

## KONTENUT

### Paġni

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
STQARRIJA TA' SPJEGAZZJONI.....	<b>Error! Bookmark not defined.</b>



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni komunitarja għall-promozzjoni ta' l-avveniment "Il-Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea" għas-snin 2007 sa 2019  
(KOM(2005)0209 – C6-0157/2005 – 2005/0102(COD))

(Il-Proċedura tad-deċiżjoni meħuda flimkien: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- mgħarraf bil-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (KOM(2005)0209)<sup>1</sup>,
  - ibbażat fuq l-Artikolu 251 Paragrafu 2 u l-Artikolu 156, 157 Paragrafu 3 und 175 Paragrafu 1, li fuq il-prinċipji tagħhom ġiet ippreżentata lilu l-proposta tal-Kummissjoni (C6-0157/2005),
  - ibbażat fuq l-Artikolu 51 tar-regoli tal-proċedura tagħhom,
  - mgħarraf bir-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija kif ukoll il-pożizzjoni tal-Kumitat fuq is-suq intern u l-protezzjoni tal-konsumaturi, tal-Kumitat għall-Kwistjoni ta' l-Ambjent, is-Saħħa tal-Poplu u s-Sikurtà ta' l-Ikel, il-Kumitat għall-Impjiegi u Kwistjonijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Ekonomija u d-Difiża u l-Kumitat għall-Baġit (A6-0000/2005),
1. approva l-proposta tal-Kummissjoni fil-verżjoni emendata;
  2. talab lill-Kummissjoni, biex terġa' tittrattaha mill-ġdid, jekk tiddeċiedi li temenda din il-proposta b'mod essenzjali jew tibdilha b'test ieħor;
  3. talab lill-Presidenti tiegħu biex jikkomunikaw il-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Proposta tal-Kummissjoni

L-Emendi tal-Parlament

Talba għall-Emendi 1  
Konsiderazzjoni 2

(2) Skond l-istudju dwar ir-riżultati ta' l-avveniment "Il-Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea" sas-sena 2004, dan l-avveniment għandu effetti pożittivi fir-rigward tar-reazzjoni tal-medja u ta' żviluppi turistiċi kif ukoll fil-promozzjoni u t-tkabbir ta' l-għarfien ta' l-abitanti għall-importanza ta'

(2) Skond l-istudju dwar ir-riżultati ta' l-avveniment "Il-Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea" sas-sena 2004, dan l-avveniment għandu effetti pożittivi fir-rigward tar-reazzjoni tal-medja u ta' żviluppi turistiċi kif ukoll fil-promozzjoni u t-tkabbir ta' l-għarfien ta' l-abitanti għall-importanza ta'

<sup>1</sup> Għadu mhuwiex ippubblikat fil-gazzetta uffiċjali.

l-għażla tal-belt tagħhom. **Madankollu** din l-azzjoni għandha tiġi mtejba iktar.

l-għażla tal-belt tagħhom; **madankollu l-azzjoni għandha tiġi mtejba iktar, fost affarijiet oħra fis-sostenibbiltà tagħha fl-iżvilupp kulturali politiku tal-belt u r-reġjun partikolari.**

Talba għall-Emendi 2  
Konsiderazzjoni 3

(3) L-atturi involuti fl-avveniment indikaw problemi bil-proċedura ta' l-għażla stabbilita fid-Deċiżjoni 1419/1999/EG u ssuġġerew analiżi tal-proposti, partikolarment biex tiġi mtejba d-dimensjoni ewropea tagħhom.

(3) L-atturi involuti fl-avveniment indikaw problemi bil-proċedura ta' l-għażla stabbilita fid-Deċiżjoni 1419/1999/EG u ssuġġerew analiżi tal-proposti, partikolarment biex tiġi mtejba d-dimensjoni ewropea tagħhom, **biex tiġi mħeġġa l-kompetizzjoni u biex jiġi definit mill-ġdid l-irwol tal-pànel.**

Talba għall-Emendi 3  
Konsiderazzjoni 4

(4) Fid-dawl ta' l-importanza u l-effett ta' l-avveniment "Il-Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea" huwa mħabbar li l-proċedura ta' l-għażla użata hija waħda mħallta bil-parteċipazzjoni tal-livelli nazzjonali u ewropej, u li għandu jiġi provdut element ta' analiżi żviluppat.

(4) Fid-dawl ta' l-importanza u l-effett ta' l-avveniment "Il-Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea" huwa mħabbar li l-proċedura ta' l-għażla użata hija waħda mħallta bil-parteċipazzjoni tal-livelli nazzjonali u ewropej, u li għandu jiġi provdut element ta' analiżi u ta' konsultazzjoni żviluppat, **biex jiġi intergrat element nazzjonali u tiġi msaħħa d-dimensjoni ewropea.**

Talba għall-Emendi 4  
Konsiderazzjoni 6

(6) Wara li jsiru n-nomini tal-bliet kapitali tal-kultura, **huwa** neċessarju li jkun hemm fażi ta' reviżjoni, **sabiex jiġi assigurat il-valur miżjud ewropew ta' l-azzjoni.**

(6) **Sabiex jiġi assigurat il-valur miżjud ewropej ta' l-azzjoni, wara li jsiru n-nomini tal-bliet kapitali tal-kultura huwa** neċessarju li jkun hemm fażi ta' reviżjoni, **li fiha minn naħa jiġi aċċertat li l-kriterji stabbiliti tal-programm tal-kultura jiġu ssodisfati u min-naħa l-oħra ssir konsultazzjoni u osservazzjoni professjonali.**

Talba għall-Emendi 5  
Konsiderazzjoni 6 a (ġdida)

**(6a) Għal kull fażi ta' l-għażla u fażi tar-reviżjoni għandhom jiġu mwaqqfa żewġ korpi, l-ewwel wieħed pànel ta' selezzjoni mħallat li jikkonsisti minn esperti ewropej u nazzjonali, u t-tieni wieħed pànel tar-reviżjoni u tal-konsultazzjoni b'esperti ewropej.**

Talba għall-Emendi 6  
Konsiderazzjoni 6 b (ġdida)

**(6b) Għandu jibda jsir Internet-portal li jkun aġġornat b'mod kontinwu u regolarment mill-Kummissjoni fuq is-suġġett "Bliet Kapitali tal-Kultura Ewropej" (applikazzjoni, għażla, implimentazzjoni, integrazzjoni), bħala appoġġ u għajnuna, kemm għall-bliet applikanti kif ukoll għall-bliet magħżula**

*Raġuni għall-emenda*

*Ir-rapporteur tħeġġeġ li jsir Internet-portal li jiġi aġġornat kontinwament mill-Kummissjoni. Dan għandu jinkludi, fost l-oħrajn, dawn li ġejjin,:*

- mistoqsijiet komuni u risposti ; - gwida, eżempji ta' best-practice u informazzjoni utli għall-Bliet Kapitali tal-Kultura Ewropej – tiġi mogħtija iformazzjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni bħala Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea – lista ta' mentors (eż. diretturi u esperti minn ex-Bliet Kapitali tal-Kultura Ewropej)*
- Indirizzi ta' l-esperti attivi fil-pànel ta' l- analiżi u l-konsultazzjoni;*
- Referenza għal netwerks li huma diġà eżistenti, bħala per eżempju n-netwerk "Bliet Kapitali tal-Kultura Ewropej u x-Xhur tal-Kultura".*

Talba għall-Emendi 7  
Konsiderazzjoni7

(7) Il-kwalità tal-programm, fir-rigward ta' l-għanijiet u l-kriterji ta' l-azzjoni u partikolarment tal-valur miżjud ewropew, għandha tiġi kkompensata permezz ta' l-

(7) Il-kwalità tal-programm, fir-rigward ta' l-għanijiet u l-kriterji ta' l-azzjoni u partikolarment tal-valur miżjud ewropew, għandha tiġi kkompensata permezz ta' l-għoti ta' **premju fil-forma ta'**

għoti ta' premju.

## **kontribuzzjoni finanzjarja.**

### *Raġuni għall-emenda*

*Il-premju fil-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja huwa bbażat fuq ir-rapport finali tal-pànel ta' l-analiżi u l-konsultazzjoni. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu ssodisfati l-għanijiet u l-kriterji ta' l-azzjoni, kif ukoll għandhom jiġu osservati s-suġġerimenti tal-pànel ta' selezzjoni u l-pànel ta' l-analiżi u l-konsultazzjoni.*

#### Talba għall-Emendi 8 Konsiderazzjoni 7 a (ġdida)

***(7a) Sabiex jiġi garantit l-effett sostenibbli ta' l-avveniment "Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea", ikun tajjeb li jiġi mwaqqfa l-inizjattivi u l-kapaċitajiet u l-istrutturi mwaqqfa minnhom, bħala bażi għal strateġija ta' żvilupp kulturali fit-tal-bliet konċernati.***

#### Talba għall-Emendi 9 Konsiderazzjoni 7 b (ġdida)

***(7b) Għandha tinbeda l-inizjattiva "Ix-xahar tal-kultura"<sup>1</sup> jew inizjattiva komparabbli, sabiex tippermetti l-involviment ta' pajjiżi terzi f'inizjattivi ewropej tal-kultura.***

-----  
***(1) Konklużjonijiet finali tal-ministri magħquda fil-kunsill għall-mistoqijiet tal-kultura tat-18 ta' Mejju 1990 dwar il-kundizzjonijiet futuri għall-għażla tal-"Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea" u x-Xahar tal-Kultura Ewropew (ĠU. C 162 ta' 3.7.1990, S. 1).***

#### Talba għall-Emendi 10 Artikolu 2, paragrafu 1

Bliet fl-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jissejnhu Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea għal sena waħda, ***wara xulxin, kif hemm imfassal fl-Anness.***

Bliet fl-Istati Membri ***u fil-pajjiżi li għandhom jaderixxu ma'l-Unjoni Ewropea wara il-31 ta' Diċembru 2006*** għandhom ikunu intitolati ***wara xulxin***



bħala Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea  
għal sena waħda.

*Raġuni għall-emenda*

*Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet għal tkabbir futur, sabiex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni tal-pajjiżi li fil-preżent qed jinnegozjaw dwar is-sħubija tagħhom, u sabiex ikun jista' jiġi garantit trattament ugwali. Fil-proposta għandhom jiġu ċċarati b'mod partikolari ir-regolamenti dwar ir-Rumeni u l-Bulgari.*

Talba għall-Emendi 11  
Artikolu 3 Paragrafu 3

**3. Il-programm kulturali għandu *ma japplikax***  
**jissodisfa dawn il-kriterji li ġejjin, li huma**  
**maqsumin f'żewġ kategoriji: "Id-**  
**dimensjoni ewropea" u "Belt u ċittadini":**  
**Fir-rigward ta' "Id-dimensjoni ewropea"**  
**il-programm għandu**  
**a) jippromovi l-kooperazzjoni bejn l-**  
**operaturi kulturali, artisti u bliet minn**  
**Stati Membri oħra f'kull qasam kulturali**  
**b) jenfasizza r-rikkezza tad-diversità**  
**kulturali fl-Ewropa,**  
**c) jagħti prominenza lill-aspetti komuni**  
**tal-kulturi ewropej,**  
**Fir-rigward tal-"Bliet u ċittadini" il-**  
**programm għandu**  
**a) jqajjem l-interess taċ-ċittadini li jgħixu**  
**fil-belt u fil-postijiet tal-madwar kif ukoll**  
**taċ-ċittadini li jgħixu barra mill-pajjiż,**  
**b) jkun sostenibbli u parti intergu mill-**  
**istrateġija għat-tul għall-iżvilupp kulturali**  
**tal-belt.**

*Raġuni għall-emenda*

*Il-kriterji se jrin jiġi ttrattati fl-Artikolu ġdid u indipendenti.*

Talba għall-Emendi 12  
Artikolu 3 a (ġdid)

**Artikolu 3a**

**Kriterji għall-applikazzjoni**  
**Il-programm kulturali għandu jissodisfa**

*dawn il-kriterji li ġejjin, li huma maqsumin f'żewġ kategoriji: "Id-dimensjoni ewropea" u "Belt u ċittadini": Fir-rigward ta' "Id-dimensjoni ewropea" il-programm għandu:*

*a) jippromovi l-kooperazzjoni bejn l-operaturi kulturali, artisti u bliet mill-Istati Membri rilevanti u mill-Istati Membri l-oħra f'kull qasam kulturali, b) jenfazizza r-rikkezza tad-diversità kulturali fl-Ewropa, c) jagħti prominenza lill-aspetti komunital-kulturi ewropej.*

*Fir-rigward tal-"Bliet u ċittadini" il-programm għandu*

*a) jippromovi l-parteciċipazzjoni taċ-ċittadini tal-belt u l-postijiet tal-madwar jqajjem l-interessi tagħhom kif ukoll l-interessi taċ-ċittadini minn pajjiżi barranin,*

*b) jkun sostenibbli u parti integru mill-istrateġija għat-tul għall-iżvilupp kulturali tal-belt u jippromovi l-intergrazzjoni soċjali.*

*(Titolu ġdid, qabbel it-Test ma' l-Artikolu 3, Paragrafu 3 tal-proposta tal-Kummissjoni)*

*Raġuni għall-emenda*

*Ir-rapporteur semmiet il-kriterji fl-Artikolu ġdid u indipendenti. Għandu jkun hemm iktar ċarezza għall-ibliet rigward il-kundizzjonijiet eżatti, b'mod partikolari permezz tal-klassifikazzjoni tal-kriterji għall-programmi kulturali tagħhom f'kategoriji "Id-dimensjoni ewropea" u "Belt u ċittadini" u ta' l-iffissar ta' għanijiet għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.*

Talba għall-Emendi 13  
Artikolu 3, paragrafu 3 a (ġdid)

*3a. Il-programm għandu jkun konsistenti ma' kull strateġija jew politika dwar il-kultura nazzjonali ta' l-Istat Membru rilevanti jew, fejn ikun japplika taħt arranġamenti istituzzjonali ta' Stat Membru, kull strateġija dwar il-kultura reġjonali, fuq il-kundizzjoni li din l-istrateġija jew politika ma għandhiex*

***bħala l-għan tagħha, li tirristrinġi in-numru ta' bliet li jistgħu jkunu kkunsidrati għall-għażla bħala l-Belt Kapitali tal-Kultura taħt din id-Deċiżjoni.***

*Raġuni għall-emenda*

*It-talba għall-emendi hija konformi max-xewqa ta' l-Istati Membri li tiġi kkunsidrata d-dimensjoni politika-kulturali nazzjonali.*

Talba għall-Emendi 14  
Artikolu 4, paragrafu 4, sub-paragrafu 2

Dawn is-sejħiet għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet, maħsuba għal bliet kandidati għat-titolu, għandhom isemmu l-kriterji imfassla fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni u fuq is-websajt tal-Kummissjoni.

Dawn is-sejħiet għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet, maħsuba għal bliet kandidati għat-titolu, għandhom isemmu l-kriterji imfassla fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni u ***fil-gwida mfassla fl-anness u*** fuq is-websajt tal-Kummissjoni.

*Raġuni għall-emenda*

*Il-websajt tal-KE għandha tispejgail-kundizzjonijiet b'mod ċar u preċiż lill-ibliet kapitali tal-kultura. Fl-istess ħin il-websajt għandha tkun ta' għajjnuna għall-ibliet fit-twettiq tal-kriterji għall-programmi kulturali tagħhom. Il-kriterji għandhom jiġu mressqa għal żmien iktar tard f'każ ta' talba oħra għall-emendi dwar l-anness.*

Talba għall-Emendi 15  
Artikolu 5, paragrafu 2

2. Il-pànel ta' selezzjoni għandu jikkonsisti fi 13-il membru. ***Il-membri jinħatru mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tar-Regġuni u mill-Istat Membru kkonċernat kull sena. Għandu*** jaħtar il-president tiegħu fost il-personalitajiet nominati mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tar-Regġuni.

2. Il-pànel ta' selezzjoni għandu jikkonsisti fi 13-il membru. ***Seba' membri minnhom għandhom ikunu nominati minn Istituzzjonijiet Ewropej: tnejn mill-Parlament Ewropew, tnejn mill-Kunsill, tnejn mill-Kummissjoni u wieħed mill-Kumitat tar-Regġuni. Is-6 li fadal għandhom ikunu nominati*** mill-Istat Membru kkonċernat. ***Il-pànel*** għandu jaħtar il-president tiegħu fost il-personalitajiet nominati mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tar-Regġuni.

## *Raġuni għall-emenda*

*Fit-talba għall-emendi msemmija l-iffurmar tal-pànel ta' selezzjoni se jiġi deskritt b'mod iktar preċiż.*

Talba għall-Emendi 16  
Artikolu 5, paragrafi 3 u 4

### ***3. Għandhom jinħatru membri tal-Pànel mill-Parlament Ewropew, tnejn mill-Kunsill, tnejn mill-Kummissjoni u wieħed mill-Komitat tar-Reġjuni.***

Dawn il-membri tal-pànel ta' selezzjoni għandhom ikunu esperti indipendenti mingħajr kunflitti ta' interessi u b'esperjenza sostanzjali u taġġirif espert fis-settur kulturali, fl-iżvillup kulturali ta' bliet jew fl-organizzazzjoni tal-Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea

#### ***Għandhom jinħatru għal tliet snin.***

Bħala deroga *mill-ewwel sub-paragrafu* fl-ewwel sena li din id-Deċiżjoni tkun fis-seħħ, żewġ esperti għandhom jingratru mill-Kummissjoni għal sena, tnejn mill-Parlament Ewropew għal sejntejn, tnejn mill-Kunsill għal tliet snin u wieħed mill-Komitat tar-Reġjuni għal tliet snin.

### ***4. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jinnomina sitt personalitajiet bħala membri bi ftehim mal-Kummissjoni, li għandhom ikunu indipendenti mill-bliet li applikaw għas-sejħa ta' sottomissjoni ta' applikazzjonijiet.***

***Dawn il-membri tal-pànel ta' selezzjoni għandhom ikunu esperti indipendenti mingħajr kunflitti ta' interessi u b'esperjenza sostanzjali u taġġirif espert fis-settur kulturali jew fl-iżvillup tal-bliet.***

3. Dawn il-membri tal-pànel ta' selezzjoni għandhom ikunu esperti indipendenti mingħajr kunflitti ta' interessi ***dwar il-bliet li wieġbu għat-talba tas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet***, u b'esperjenza sostanzjali u taġġirif espert fis-settur kulturali, fl-iżvillup kulturali ta' bliet jew fl-organizzazzjoni tal-Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea

***Is-seba' membri nominati mill-Istituzzjonijiet Ewropej għandhom jinħatru għal tliet snin.*** Bħala deroga fl-ewwel sena li din id-Deċiżjoni tkun fis-seħħ, żewġ esperti għandhom jingratru mill-Kummissjoni għal sena, tnejn mill-Parlament Ewropew għal sejntejn, tnejn mill-Kunsill għal tliet snin u wieħed mill-Komitat tar-Reġjuni għal tliet snin.

*Raġuni għall-emenda*

*Fit-talba għall-emendi msemmija l-iffurmar tal-pànel ta' selezzjoni se jiġi deskritt b'mod iktar preċiż.*

Talba għall-Emendi 17  
Artikolu 6 Paragrafu 2 Sub-paragrafu 1

2. Il-**pànelji** għandhom jassessjaw il-proposti ta' l-ibliet li applikaw għal kull waħda minn dawn is-sejħiet għas-sottomessjoni ta' applikazzjonijiet, skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 3.

2. Il-**pànelji ta' l-għażla relevanti** għandhom jassessjaw il-proposti ta' l-ibliet li applikaw għal kull waħda minn dawn is-sejħiet għas-sottomessjoni ta' applikazzjonijiet, skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 3.

*Raġuni għall-emenda*

*It-talba għall-emendi tippreċiża l-formulazzjoni. Tagħmilha ċara li din titratta dwar pànel ta' selezzjoni.*

Talba għall-Emendi 18  
Artikolu 7 Paragrafu 2 Sub-paragrafu 1

2. Kull wieħed mill-Istati Membri konċernati għandu jlaqqa' il-pànel ta' selezzjoni relevanti, għall-għażla finali, disa' xhur wara **l-ewwel laqgħa ta' l-għażla**.

2. Kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati għandu jlaqqa' il-pànel ta' selezzjoni relevanti, għall-għażla finali, disa' xhur wara **l-laqgħa ta' qabel l-għażla**.

*Raġuni għall-emenda*

*It-talba għall-emendi tippreċiża it-terminoloġija tal-proposta.*

Talba għall-Emendi 19  
Artikolu 8 Paragrafu 2 Sub-paragrafu 1

2. Il-Parlament Ewropew jista' jressaq stqarrija lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn **xahrejn** wara d-dħul tan-nomini ta' l-Istati Membri konċernati.

2. Il-Parlament Ewropew jista' jressaq opinjoni lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn **tliet xhur** wara d-dħul tan-nomini ta' l-Istati Membri konċernati.

## *Raġuni għall-emenda*

*Il-Parlament Ewropew għandu jiddeċiedi dwar żmien suffiċjenti għall-formulazzjoni ta' l-istqarrija. Żmien allokat ta' tliet xhur jissodisfa wkoll id-deċiżjoni 1419/1999/EG ta' 25/05/1999 dwar it-twaqqif ta' azzjoni komunitarja għall-promozzjoni ta' l-avveniment "Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea" għas-snin 2005 sa 2019.*

Talba għall-Emendi 20  
Artikolu 8 a (ġdid)

### *Article 8a*

#### *Pànel ta' sorveljanza u konsulenza*

*Għandu jkun stabbilit pànel ta' sorveljanza u konsulenza biex jissorvelja l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet u l-kriterji ta' l-azzjoni u jipprovi appoġġ u gwida lill-kapitali miż-żmien tan-nomina tagħhom biex jibdew l-eveniment tal-Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea.*

*1. Il-pànel jikkonsisti f'seba' esperti nominati mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tar-Regġuni. Barraminnekk, l-Istat Membru relevanti jista' jinnomina osservatur għal dan il-pànel.*

*2. L-ibliet ikkonċernati għandhom joħorġ rapporti ta' progress lill-Kummissjoni tliet xhur qabel il-laqgħat tal-pànel.*

*3. Il-Kummissjoni għandu jlaqqa' l-pànel u r-rappreżentanti tal-belt ikkonċernata. Il-pànel għandu jitlaqqa' f'żewġ okkażjonijiet biex jagħti parir dwar, u biex jevalwa, il-preparamenti għall-avveniment bil-għan li jgħinu l-bliet biex jiżvilluppaw program ta' kwalità għolja b'dimensjoni Ewropea b'saħħitha. L-ewwel laqgħa tiegħu għandu jseħħ mill-inqas sentejn qabel l-avveniment; it-tieni laqgħa tiegħu għandu jseħħ mill-inqas tmien xhur qabel l-avveniment.*

**4. Wara kull laqgħa il-pànel għandu jōhroġ raġġprt dwar l-istat tal-preparamenti għall-avveniment u dwar xi passi li għandhom jittieħdu. Ir-rapporti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-valur-miżjud Ewropew ta' l-avveniment skond il-kriterji mfassla fl-Artikolu 3 u tar-rakkomandazzjonijiet mfassla fir-rapporti tal-pànnelli ta' selezzjoni u ta' konsulenza. [...]**

**5. Ir-rapporti għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni u lill-bliet u l-Istati Membri kkonċernati. Għandhom ikunu ppubblikati fuq is-websajt tal-Kummissjoni ukoll.published on the Commission's website.**

*Qabbel l-Artikolu 10 tat-test tal-kummissjoni.*

*Raġuni għall-emenda*

*It-tqassim il-ġdid tat-test għandu jservi biex ikun hemm koerenza fl-għażla tal-kliem tal-liġi. L-Artikolu 8a (ġdid) jissimplifika, min-naħa, l-istruttura tat-test u fl-istess ħin jippreċiża l-irwol tal-pànel ta' l-analiżi u l-konsultazzjoni. Permezz ta' dan għandha tiġi enfasizzata l-għajjnuna permezz tal-pànel għall-bliet kapitali tal-kultura fil-kitba tal-programm tagħhom. Din l-għajjnuna fil-fażi ta' l-analiżi tinkludi fuq kollox konsultazzjoni professjonali u trattament kmieni ta' problemi li jistgħu jinqalgħu.*

Talba għall-Emendi 21  
Artikolu 9

**Artikolu 9**

**ma japplikax**

**Analiżi ta' nofs it-term**

**1. Il-bliet magħżula bħala Bliet Kapitali tal-Kultura għandhom jagħtu lill-Kummissjoni rapport tal-progress ta' nofs it-term dwar l-istat tal-preparazzjonijiet tal-programm ta' l-avveniment, mhux iktar tard minn 27 xahar qabel id-data ta' meta għandu jibda l-avveniment.**

1.

**Il-Kummissjoni għandha tassigura l-ewalwazzjoni indipendenti tar-rapport.**

**2. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' is-seba' esperti nominati mill-Parlament**

**Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tar-Reġjuni kif ukoll rappreżentanti ta' l-awtoritajiet responsabbli mill-implementazzjoni tal-programmi ta' l-ibliet magħżula bħala Bliet Kapitali tal-Kultura Ewropej, mhux iktar tard minn 24 xahar qabel id-data ta' meta għandu jibda l-avveniment.**

**Minn dan il-punt 'il quddiem, dawn l-esperti jiffurmawil-“kumitat ta' l-analiżi”.**

**Huma għandhom jiltaqgħu biex jevalwaw il-preparazzjoni ta' dan l-avveniment, partikolarment dwar il-valur miżjud ewropew tal-programmi.**

**Il-kumitat ta' l-analiżi għandu joħroġ rapport ta' analiżi ta' nofs it-term fuq l-istat tal-preparazzjonijiet ta' l-avveniment, u l-passi li għad iridu jittieħdu, skond l-għanijiet u l-kriterji ta' l-azzjoni u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapporti tal-pànel ta' selezzjoni imsemmija fl-Artikolu 7(2).**

**Ir-rapport ta' l-analiżi ta' nofs it-term għandu jiġi mogħti lill-Kummissjoni u lill-ibliet u l-Istati Membri konċernati mhux iktar tard minn xahar wara l-laqgħa ta' l-analiżi ta' nofs it-term. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-Kummissjoni.**

*Raġuni għall-emenda*

*It-tqassim il-ġdid tat-test għandu jservi biex ikun hemm koerenza fl-għażla tal-kliem tal-liġi. Il-kontenut ta' l-Artikolu 9 l-antik ġie integrat fl-Artikolu 8a) (ġdid).*

Talba għall-Emendi 22  
Artikolu 10

**Artikolu 10**

**ma japplikax**

**Analiżi finali**

**1. Il-bliet li ġew nominati bħala Bliet Kapitali tal-Kultura għandhom jagħtu lill-Kummissjoni rapport finali tal-progress, mhux iktar tard minn disa' xhur qabel id-**



*data ta' meta għandu jibda l-avveniment, dwar l-istat tal-preparazzjonijiet tal-programmi għall-avveniment. Il-Kummissjoni għandha tassigura li ssir evalwazzjoni indipendenti ta' dan ir-rapport.*

*2. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-kumitat ta' l-analiżi mar-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programmi ta' l-ibliet li ġew magħżula bħala Bliet Kapitali tal-Kultura, mhux iktar tard minn sitt xhur qabel id-data ta' meta għandu jibda l-avveniment, sabiex tiġi evalwata l-preparazzjoni ta' l-avveniment, partikolarment dwar il-valur miżjud ewropew tal-programm.*

*Il-kumitat ta' l-analiżi għandu joħroġ rapport finali ta' l-analiżi dwar l-istat tal-preparazzjonijiet għall-avveniment, u l-passi li għad iridu jittieħdu, skond l-għanijiet u l-kriterji ta' l-azzjoni u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 7(2), it-tielet sub-paragrafu u fl-Artikolu 9(2), ir-raba' sub-paragrafu.*

*Ir-rapport finali ta' l-analiżi għandu jingħata lill-Kummissjoni u lill-ibliet u l-Istati Membri konċernati mhux iktar tard minn xahar wara l-laqgħa ta' l-analiżi finali. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-Kummissjoni.*

#### *Raġuni għall-emenda*

*It-tqassim il-ġdid tat-test għandu jservi biex ikun hemm koerenza fl-għażla tal-kliem tal-liġi. Il-kontenut ta' l-Artikolu 10 l-antik ġie integrat fl-Artikolu 8a) (ġdid). Talba għall-Emendi 23*

#### Artikolu 11

*Fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fit-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 10(2), il-Kummissjoni tista' tagħti premju lil kull belt magħżula basta li l-programmi tagħhom jilhqgħu l-kriterji ta' l-azzjoni u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-pànnelli waqt il-proċess ta' selezzjoni u* *(imħassar)*

*sorveljanza kif hu msemmi fl-Artikoli 9 u 10. Dan il-premju għandu jippremja l-kwalità tal-programm skond l-għanijiet tal-programm kif hemm speċifikat fl-Artikolu 3.*

*Raġuni għall-emenda*

*Ir-rapporteur tipproponi verżjoni ġdida ta' l-Artikolu 11 f'talba għall-emendi oħra.*

Talba għall-Emendi 24  
Artikolu 11 a (ġdid)

***Premju***

***Fuq il-bażi tar-rapport maħruġ mill-pànel ta' sorveljanza u konsulenza wara it-tieni laqgħa tiegħu tmien xhur qabel l-avveniment, il-premju għandu jingħata lill-ibliet magħżula mill-Kummissjoni Ewropea basta li jilħqu il-kriterju tad- 'dimensjoni Ewropea' mfassal fl-Artikolu 3 u implimentaw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-pànel ta' selezzjoni kif ukoll mill-pànel ta' sorveljanza u konsulenza. Il-premju għandu jkun wieħed monetarju u għandu jingħata fi sħiħ mill-inqas seba' xhur qabel il-bidut tas-sena rilevanti.***

*Raġuni għall-emenda*

*Ir-rapporteur tenfasizza n-neċessità tal-preparamenti fil-ħin tar-riżorsi komunitarji suffiċjenti għall-ibliet kapitali tal-kultura, sabiex ikun possibbli li l-implimentazzjoni tal-programm ta' l-avveniment tal-bliet tkun waħda ta' suċċess u timxi skond il-pjan.*

Talba għall-Emendi 25  
Artikolu 12 Paragrafu 2

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta

PE 364.795v02-00

18/23

PR\588535MT.doc

rapport dwar l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

rapport dwar l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni, ***mhux iktar tard minn tliet xhur wara l-avveniment tal-“Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea”.***

Talba għall-Emendi 26  
Artikolu 15

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Din id-Deċiżjoni għandha ***tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Għandha*** tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

*Raġuni għall-emenda*

*It-talba għall-emendi tippreċiża d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni.*

## STQARRIJA TA' SPJEGAZZJONI

Il-programm "Il-Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea (ECC)" twaqqaf fl-1985 mill-ministru tal-kultura Griega ta' dak iż-żmien Melina Mercouri, sabiex tressaq liċ-ċittadini ta' l-Ewropa iktar viċin ta' xulxin.

L-esperjenzi urew li l-programm ikollu effett pożittiv u fit-tul fuq l-iżvilupp ta' l-ibliet magħżula u fl-istess ħin iqajjem interess kbir fiċ-ċittadini.

### II-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Id-dokument jimmira li jenfasizza r-rikkezza, id-diversità u l-aspetti komuni tal-wirt kulturali fl-Ewropa u li jagħmilha possibbli li ċ-ċittadini ewropej jifhmu iktar lil xulxin. Fl-istess ħin il-proposta tipprovdi għal tisħiħ fil-kompetizzjoni u fil-valur miżjud ewropew u twassal għall-bidu tal-fażi ta' l-analiżi.

#### Involviment ta' l-Istati Membri ġodda ta' l-UE

Skond il-lista kurrenti tal-“par” ta' Stati Membri, li jistgħu jipproponu bliet kapitali tal-kultura għall-perjodu 2009-2019, mill-2009 se jiġu magħżula żewġ bliet kapitali tal-kultura kull darba, sabiex b'dan il-mod dan jippermetti l-parteċipazzjoni ta' l-10 Stati Membri ġodda ta' l-UE fil-programm.

#### L-aspett finanzjarju

Il-proposta m'għandhiex effetti finanzjarji diretti, għax dan l-aspett huwa kopert fil-qafas tal-Programm Kultura 2000 u l-programm futur Kultura 2007. Fil-preżent il-proposta tal-KE għall-programm Kultura 2007 tkun tippermetti l-ittripplar tal-kontribuzzjoni komunitarja.

#### Premju

L-ibliet magħżula jingħataw premju jekk il-preparamenti tal-programm jissodisfaw l-għanijiet u l-kriterji ta' l-avveniment. Fl-istess ħin, dan il-premju jkun għajjnuna finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-programm ta' l-avveniment tal-belt kapitali tal-kultura.

#### Il-pànel ta' selezzjoni/Il-kumitat ta' l-analiżi\*<sup>1</sup>

Matul il-fażi ta' l-għażla għandu jkun hemm pànel ta' selezzjoni mħallat, li jinkludi kemm seba' esperti minn istituzzjonijiet ewropej kif ukoll sitt esperti minn kull Stat Membru konċernat.

Fil-fażi ta' l-analiżi l-kumitat ta' l-analiżi\* għandu jaħdem biex isegwi l-preparamenti ta' l-ibliet kapitali tal-kultura għas-sena attwali u jagħti għajjnuna. Dan il-kumitat huwa ffurmat minn seba' esperti ewropej.

#### Il-Proċedura

Il-proposta tal-Kummissjoni msemmija tippreżenta riforma tad-deċiżjoni 1419/1999/EG meħuda fl-1999 mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar il-bidu ta' azzjoni

---

<sup>1</sup> Proposta tar-*rapporteur* għal emenda dwar it-terminoloġija: \* *Ġuri ta' l-analiżi u l-konsultazzjoni*

kommunitarja għall-promozzjoni ta' l-avveniment "Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea" għas-snin 2005 sa 2019<sup>1</sup>.

Is-sekwenza temporanja tal-proċedura tidher kif ġej:

<b>Żmien</b> * n Is-sena tal-belt kapitali tal-kultura		<b>Azzjoni</b>	<b>Is-settur responsabbli</b>
<b>Proposta tal-Kummissjoni</b>	<b>Proposti tar-rapporteur għal emendi</b>		
n-6		Sejthiet għas-sottomessjoni ta' l-applikazzjonijiet	Stati Membri (MS)
n-5		Laqgħa ta' qabel l-għażla tal-pànel ta' selezzjoni fl-Istat Membru rilevanti (13-il espert)	MS
n-5 + 9 xhur		Laqgħa ta' l-għażla finali tal-pànel ta' selezzjoni fl-Istat Membru rilevanti (13-il espert)	MS
n-4		Notifikazzjoni dwar in-nomina ta' belt lill-istituzzjonijiet ewropej	MS
n-4 + 2 xhur	<b>n-4 +3 xhur</b>	Stqarrija tal-Parlament Ewropew dwar in-nomina	Il-Parlament Ewropew
		L-għażla tal-belt kapitali tal-kultura	Il-Kunsill
n-2 - 3 xhur (tliet xhur qabel il-laqgħa ta' l-analiżi ta' nofs it-term)		Għotja tar-rapport ta' nofs it-term ta' l-ibliet magħżula lill-Kummissjoni Ewropea (KE)	Il-belt kapitali tal-kultura (ECC)
n-2		Laqgħa ta' l-analiżi ta' nofs it-term tal-kumitat ta' l-analiżi * (7 esperti ewropej + rappreżentanti tal-belt kapitali tal-kultura)	
n-2+1		Rapport ta' nofs it-term tal-kumitat ta' l-analiżi* lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri	
n-9 xhur (tliet xhur qabel il-laqgħa ta' l-analiżi finali)	<b>n-11-il xahar</b> (tliet xhur qabel il-laqgħa ta' l-analiżi finali)	Għotja tar-rapport finali ta' l-ibliet magħżula lill-Kummissjoni Ewropea	ECC

<sup>1</sup> Ġurnal Uffiċjali L 166 ta' 1.7.1999, S. 0001-0005.

n-6 xhur	<i>n- 8 xhur</i>	- Laqgħa ta' l-analiżi finali (7 esperti ewropej + rappreżentanti tal-belt kapitali tal-kultura)	
	<i>n - 7 xhur</i>	- Għotja tar-rapport finali tal-kumitat ta' l-analiżi* <b>- premju (għajjnuna finanzjarja għall-belt kapitali tal-kultura)</b>	KE
n		Sena tal-ECC	ECC
n+1	<i>n+ massimu ta' 3 xhur</i>	Evalwazzjoni tar-riżultati ta' l-avveniment	KE

#### RIMARKI U PROPOSTI GĦALL-EMENDI TAR-RAPPORTEUR

Ir-*rappporteur* tqis bħala pożittiv il-fatt li l-proposta issaħħaħ id-dimensjoni ewropea u ttejjeb it-trasparenza tal-proċedura ta' l-għażla.

Ir-*rappporteur* takklama l-fatt li l-kontribuzzjoni kommunitarja fil-qafas tal-programm "Kultura 2007" għandha tittripla meta mqabbla mal-programm kurrenti.

Hija tenfasizza n-neċessità tal-preparamenti fil-ħin tar-riżorsi kommunitarji suffiċjenti għall-ibliet kapitali tal-kultura, sabiex ikun possibbli li l-implimentazzjoni tal-programm ta' l-avveniment tal-bliet tkun waħda ta' suċċess u timxi skond il-pjan, u f'dan il-kuntest tipproponi dan li ġej:

#### Premju

Jiġi mogħti premju fil-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja lill-ibliet magħżula. Biex jingħata l-premju, il-bliet kapitali tal-kultura relevanti jridu jissodisfaw l-għanijiet u l-kriterji ta' l-azzjoni, kif ukoll josservaw is-suġġerimenti tal-pànel ta' selezzjoni u l-pànel ta' l-analiżi u l-konsultazzjoni. Il-premju huwa bbażat fuq ir-rapport finali tal-pànel ta' l-analiżi u l-konsultazzjoni.

Man-nomina ta' l-ibliet kapitali tal-kultura, il-pànel ta' l-analiżi u l-konsultazzjoni għandu jevalwa b'mod oġġettiv l-istat tal-preparazzjonijiet għall-programm ta' l-avveniment, u fl-istess ħin għandu jiggarrantixxi l-għajjnuna għall-ibliet kapitali tal-kultura fil-kitba tal-programm tagħhom. Din l-għajjnuna fil-fażi ta' l-analiżi tinkludi fuq kollox konsultazzjoni professjonali u trattament kmieni ta' problemi li jistgħu jinqalgħu.

Ir-*rappporteur* hija ta' l-opinjoni li għandha tinstab soluzzjoni kif ir-Rumeni u l-Bulgari u l-pajjiżi l-oħra li se jissieħbu fil-futur jiġu integrati fl-inizjattiva tal-Bliet Kapitali tal-Kultura Ewropej, mingħajr ma jingħata każ tad-data tas-sħubija tagħhom.

Rigward il-kriterji ta' l-għażla għall-programm kulturali imsemmija fil-proposta, ir-*rappporteur* tenfasizza n-neċessità tal-preparamenti fil-ħin ta' addizzjonijiet fil-kontenut u kjarifiki, sabiex l-ibliet kapitali tal-kultura jkollhom idea preċiża dwar liema kundizzjonijiet

jridu jissodisfaw. Dawn l-addizzjonijiet għandhom jinstabu kemm fl-anness tal-proposta kif ukoll fil-websajt tal-Kummissjoni Ewropea.

Ir-*rappporteur* tippromovi t-twaqqif ta' Internet-portal, li jkun aġġornat b'mod kontinwu u regolament mill-Kummissjoni Ewropea

Dan għandu:

- joffri informazzjoni addizzjonali u għajnuna għal bliet fil-proċess ta' l-applikazzjoni, għażla u implimentazzjoni;
- johlq konnessjoni bejn il-programmi ta' l-ibliet nominati;
- jippromovi integrazzjoni u skambji ta' esperjenzi, i.e. skambji ta' *know-how* bejn il-bliet kapitali tal-kultura tal-preżent u dawk passati;

Għandu jinkludi partikolarment:

- mistoqsijiet komuni u risposti;
- gwida, eżempji ta' *best-practice* u informazzjoni utli għall-Bliet Kapitali tal-Kultura Ewropej;
- lista ta' *mentors* (eż. diretturi u esperti minn ex-Bliet Kapitali tal-Kultura Ewropej);
- Indirizzi ta' l-esperti attivi fil-pànel ta' l-analiżi u l-konsultazzjoni;
- Referenza għal netwerks li huma diġà eżistenti, bħal per eżempju n-netwerk "Bliet Kapitali tal-Kultura Ewropej u Xhur tal-Kultura".

Ir-*rappporteur* tappoġġja l-proposta ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, li toffri possibiltà lil pajjiżi terzi li jieħdu sehem f'avvenimenti kulturali ewropej, permezz tal-qawmien mill-ġdid ta' l-inizjattiva "Xahar tal-Kultura"<sup>1</sup> jew inizjattiva simili. Hawnhekk l-Unjoni Ewropea għandha tiċċarata l-kwistjoni ta' l-għajnuna finanzjarja tax-"Xahar tal-Kultura".

---

<sup>1</sup> Konklużjonijiet finali tal-ministri magħquda fil-kunsill għall-mistoqijiet tal-kultura tat-18 ta' Mejju 1990 dwar il-kundizzjonijiet futuri għall-għażla tal-"Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea " u x-Xahar tal-Kultura Ewropew (*Il-Ġurnal Uffiċjali Nr. C 162 ta' 3.7.1990, S. 0001 - 0001*).